**K.L.B.L. 39/5/2004**

## ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
## (KAP. 363)

### *Bye-Laws* ta' l-2004 li jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Mosta)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34 u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, u skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 35(8) ta' l-imsemmi Att, il-Kunsill Lokali Mosta għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:–

**1.1** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* ta' l-2004 biex jemendaw il-*Bye-Laws* dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Mosta), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mal-*Bye-Laws* ta' l-2001, dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Mosta) hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-*Bye-Laws* prinċipali". Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.2** Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

**2.** Minflok Skeda A li tinsab mal-*Bye-Laws* prinċipali għandha tiddħol din l-Iskeda ġdida kif ġej:– Jemenda l-Iskeda li tinsab mal-*Bye-Laws* prinċipali.

(Artikolu 3.5)

**"SKEDA**

**Drittijiet dovuti għal Reklamar fuq Għamara tat-Toroq**

| Qisien | Dritt Dovut | | |
|---|---|---|---|
| | Ġimgħatejn | Xahar | Sena |
| Sa 0.1 metru kwadru | Lm3.00 | Lm5.00 | Lm20.00 |
| Sa 1.0 metru kwadru | Lm6.00 | Lm10.00 | Lm50.00 |
| Sa 2.0 metri kwadri | Lm12.00 | Lm20.00 | Lm100.00 |
| 'il fuq minn 2.0 metri kwadri | Lm2.00 kuljum | (sakemm dan ma jkunx inqas minn Lm40.00).". | |